# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 103/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Tarquin Vella**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2019;

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Tarquin Vella, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 405690M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Novembru, 2017 f'dawn il-Gzejjer: **1)** naqas milli jaghti lil Roxanne Brignoli, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma; u **2)** Kien ikkundannat ghal kontravenzjoni mill-Qorti ta' Malta u ghamel

kontravenzjoni ohra fi zmien tliet xhur mill-jum li fih skonta jew giet mahfura lilu l-piena.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-5 ta' Marzu, 2018 li biha, wara ammissjoni, sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu w kkundannatu ghal xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tarquin Vella, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Marzu, 2018, li biha talab lil din il-Qorti joghgobha, (1) **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu; (2) **thassar u tirrevoka** l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghal-piena kkominata mill-ewwel Qorti bil-gravami illi n-nuqqas minn naha tieghu ma kienx dovut ghal xi kapricc izda dovut ghal-fatt illi huwa qed ikun

inkarcerat minhabba imputazzjonijiet simili u konsegwentement prekluz milli jsib xoghol bi qliegh oltre li l-piena hija wahda esagerata u ser ikollha konsegwenzi ulterjuri fl-obbligi tieghu li jhallas il-manteniment lill-kwerelanta;

2. Illi mill-atti processwali jemergi illi l-appellant kien dovut ihallas lill-kwerelanta l-ammont ta' €200 fix-xahar ta' Novembru dovut lilha bhala manteniment ghall-binthom skond l-ordni tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). L-appellant kien ammetta din l-imputazzjoni, kif ukoll dik taht l-artikolu 53 tal-Kodici Kriminali, u l-ewwel Qorti ghaddiet biex tipprolata s-sentenza mertu ta' dan l-appell;

3. Illi fl-udjenza tas-26 t'April, 2018, din il-Qorti ikkoncediet differiment fit-tul sat-8 ta' Ottubru sabiex l-appellant jilhaq isib xoghol wara li jkun skarcerat fil-15 ta' Mejju, 2018. Minkejja dan, l-manteniment baqa' ma thallasx u din il-Qorti ddiferiet l-appell ghas-sentenza ghal-llum bil-ghan illi fit-trapass ta' zmien jilhaq jirregola ruhu;

4. Illi minkejja dan id-differiment l-appellant xorta wahda ma lahaqx ottempera ruhu stante problemi finanzjarji. Wara diversi differiment ohra, izda, fl-udjenza tal-lum il-kwerelanta ikkonfermat illi l-appelant lahaq irregola ruhu u li ghalhekk ma ghadx hemm interess fil-proceduri odjerni;

5. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut ;

6. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, tilqa' l-appell kwantu dan jolqot il-piena kominata u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn

ikkundannatu ghal-terminu ta’ xahar detenzzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.

Giovanni Grixti
Imhallef